MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Numru 119/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**GIOVANNI DEGUARA**

**Illum 10 ta' Mejju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Giovanni Deguara, bin John Mary u Antonia mitwielda Buhagiar mwieled il-Mosta fil-05/08/1967 u joqghod 210, Triq it-Torri, Mosta, ID 326667(M), gie akkuzat:

Talli bejn is-17 ta’ Frar, 1996 u it-18 ta’ Lulju, 2000 bhal detentur tal-fond b’numru 210, Triq it-Torri, Mosta, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe` tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b’mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew il-konsum elettriku, jew li bihom seta’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita` mehuda jew ikkunsmata ikkommetta serq tal-kurrent elettriku bil-valur tieghu ta’ LM213.44,4, liema serq hu ggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta.

Ukoll talli matul l-istess perjodu ikkaguna hsara volontarja fuq l-istess meter liema hsara teccedi l-LM10 izda nqas minn LM50 u dan ghad-dannu tal-istess korporazzjoni.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. PB3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum il-P.L. Victor Bugeja ghall-imputat iddikjara li l-imputat ghamel ftehim mal-korporazzjoni Enemalta biex ihallas l-ammont dovut lill-istess korporazzjoni Enemalta rigwardanti dan il-kaz.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261 (b), (c) u (f), 263 (a), 267, 270, 278 (3), 280 (2) u 326 (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Giovanni Deguara, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-Fedina Penali netta tal-imputat u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum il-P.L. Victor Bugeja ghall-imputat iddikjara li l-imputat ghamel ftehim mal-korporazzjoni Enemalta biex ihallas l-ammont dovut lill-istess korporazzjoni Enemalta rigwardanti dan il-kaz, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Giovanni Deguara l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------